- ***PATERNITA' –***
- ***ARTIKOLU 77 TAL-KAP 16 –***
- ***ARTIKOLU 70 (1) (b) u (d) u (2) TAL-KAP 16 -***
- ***L-ISTAT TA' IBEN LEGITTIMU –***
- ***ARTIKOLU 80 TAL-KAP 16 -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 26 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 46**
**Citazzjoni Numru: 197/01/RCP**

**Ahmad Mohammad**

**vs**

**(i) Fortunato Mangion;**

**(ii) Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**(iii) u b'digriet tal-Qorti tat-3 ta' Mejju 2001 giet nominata Fatiha Khallouf f'isimha**

**proprja u bhala kuratrici *ad litem* ta' Marcel Mangion;**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-minuri Marcel Mangion twieled fis-17 ta' Lulju 1998 u huwa bin naturali ta' Fatiha Khallouf u Ahmad Mohammad.

Illi skond l-att ta' twelid Nru. 3704/98 (Dok. "A") gie mnizzel li missier it-tarbija kien Fortunato Mangion u dan peress li Fortunato Mangion huwa r-ragel ta' Fatiha Khallouf izda b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Nathalie Pace Asciak datat 21 ta' Ottubru 1997 Fortunato Mangion u Fatiha Khallouf iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

Illi l-konvenut Fortunato Mangion fi zmien 300 jum sal-180 jum qabel it-twelid tat-tarbija fuq indikata kien fl-impossibilita' fizika li jikkoabita mal-attrici Fatiha Khallouf minhabba li ma kien bl-ebda mod vicin taghha u ghalhekk ma seta' kien hemm ebda forma ta' relazzjoni ntima bejniethom u dan kif ikkonfermat bil-gurament mill-istess konvenut Dok "B". (affidavit fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella datat 4 ta' Awissu 1998).

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuti jghidu ghala ma ghandhiex din il-Qorti prevja dikjarazzjoni li l-attur huwa missier naturali ta' Marcel Mangion:-

(i) Tordna li fir-Registrazzjoni tat-twelid ta' Marcel Mangion fil-kolonna bit-titolu *"Missier it-tarbija"* jitnehhew d-dettalji ta' Fortunato Mangion u l-partikolaritajiet tieghu u minn flok jigu annotati d-dettalji ta' l-attur Ahmad Mohammad u dawk il-partikolaritajiet ta' l-istess Ahmad Mohammad kull fejn jirrikorru.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 8 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur tas-6 ta' Frar 2001, id-digriet tal-Qorti tas-27 ta' Frar 2001 fejn ordnat in-notifika u d-digriet tat-3 ta' Mejju 2001 fejn fin-nuqqas tar-risposta laqghet it-talba kif dedotta b'dan illi omm l-istess minuri u konvenuta Fatiha Khallouf tigi nominata kuratrici *ad litem* ghall-istess minuri Marcel Mangion.

Rat il-pubblikazzjoni li saret fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Marzu 2001.

Rat ir-rikors tal-attur tas-16 ta' April 2001, id-digriet tal-Qorti tat-22 ta' Mejju 2001 fejn giet ordnata n-notifika, w ir-risposta tal-konvenut id-Direttur Registru Pubbliku tal-1 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur Registru Pubbliku tat-3 ta' Settembru 2001 fejn gie eccepit:

1. Fil-mertu illi f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success tal-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova tal-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konjugi Fatiha Khallouf u Fortunato Mangion fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tal-minuri Marcel Mangion li dwaru qed issir il-kawza odjerna;

3. Illi bla pregudizzju, f'kaz li t-talbiet attrici jigu akkolti, ghandhom jigu specifikati d-dettalji personali tal-attur li hu qed jitlob li jigu nseriti fl-att tat-twelid tal-minuri Marcel;

4. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid huma ghal kollox estranei ghall-esponent huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut id-Direttur Registru Pubbliku a fol. 25 tal-process;

Rat il-verbal tal-25 ta' Settembru 2001 fejn peress li kien ghad jonqos in-notifika tal-konvenuta bhala kuratrici, Dr Philip Manduca talab li hija tigi notifikata billi l-kunsinna tal-kopji tal-iskrittura ssir lill-konvenuta personalment anke f'edificcju tal-Qorti. Il-Qorti tilqa' t-talba li *del resto* ma hi xejn aktar minn dak li timplika l-ligi fl-ewwel parti tas-subartikolu 1 tal-Artikolu 187.

Rat li l-konvenuta Fatiha Khallouf bhala konvenuta u bhala kuratrici notifikata fil-25 ta' Settembru 2001 baqghet ma pprezentat l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat li l-konvenut Fortunato Mangion notifikat fil-11 ta' Frar 2002 baqa' ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat in-nota tal-konvenuta Fatiha Khallouf tat-28 ta' Settembru 2001 fejn permezz taghha pprezentat dikjarazzjoni solenni taghha stess (fol. 31 sa 32 tal-process).

Rat il-verbali tat-22 ta' Novembru 2001 fejn peress li ghad jonqos in-notifika tal-konvenut il-kawza giet differita ghat-13 ta' Frar 2002, izda wara rrizulta li l-konvenut Fortunato Mangion kien gie notifikat fil-11 ta' Frar 2002, u wkoll huwa ma pprezentax ebda nota tal-eccezzjonijiet; tat-13 ta' Frar 2002 u tal-14 ta' Mejju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi

mismugha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, u l-attur prezenti kkonferma d-dikjarazzjoni attrici u talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-konvenuti u d-difensuri taghhom msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li huwa l-missier naturali ta' Marcel Mangion li twieled minn Fatiha Khallouf fis-17 ta' Lulju 1998, u li konsegwentement tordna li fic-certifikat tat-Twelid tieghu, li jgib in-numru 3704/98, il-paternita' tieghu tigi rikonoxxuta.

Illi jidher car li l-attur qed jipprevalixxi ruhu mill-**Artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li jekk l-attur qed jippretendi li huwa l-missier tal-minuri huwa ghandu interess li jaghmel din il-kawza, pero' qabel ma tigi trattata l-istess, trid tigi sorvolata d-dispozizzjoni tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

*(1) "Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. F.G. C. 10 ta' Mejju 1996 inghad li :-

*"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkomenta dwar dispozizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … …." "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita*

*comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l' incarnazione della formula solenne 'pater is est quiem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell' antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall' esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell' articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il matrimonio"* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi in effetti l-**Artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi mal-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**Artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**Subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-presunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija

imma biss għad-dikjarazzjoni li r-raġel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni għandha tiġi prezentata fit-termini stretti mogħtija fl-**Artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik mogħtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**Artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben leġittimu u għaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**Artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propożitu ta' din l-azzjoni ngħad fil-kawża **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952 li:-

*"Illi din l-aħħar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija mogħtija biss lit-tifel u hija estiża lill-werrieta jew dixxendenti tiegħu fil-każ biss previst mill-liġi.*

*"It-tifel għandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni oħra ma timponilu l-liġi għall-eżerċizzju ta' dik l-azzjoni. Għaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni oħra nteressati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fiżika ta' koabitazzjoni tal-preżenti ġenituri tat-tifel fi żmien rilevanti minħabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-eżerċizzju ta' l-azzjoni ta' riċerka tal-paternita' tiegħu bil-fatt li dik l-impossibilta' fiżika ma tirriżultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu*

*meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (A.J M) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**Artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**Artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-

azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**Artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**Artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-*istatus* ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-Artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossjedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-Artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

(c) *Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

(d) *Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA.RCP 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**Artikoli 81** mal-**Artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**Artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**Artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-*

*twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur”.*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta’ wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta’ twelid, **hadd** ma jista’ jattakka dan l-istat a bazi tal-**Artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita’ fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **“Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri”** (Vol.XXXII.ii.309) u **“Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et”** (P.A. RCP 18 ta’ Jannar 2000) fejn inghad li:-

*“Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta’ att ta’ twelid **jew** ta’ pussess ta’ stat (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista’ ssir b’xhieda ohra li tista’ tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta’ stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli”.*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **“Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella”** (P.A. RCP deciza fl-1 ta’ Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); **“Carmel Grima et vs Carmelo Borg et”** deciza fil-5 ta’ Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **“Anthony Sant vs John Cutajar et”** (P.A. RCP 10 ta’ Novembru 1999); **“Carmel Grima et vs**

**Carmelo Borg et”** (P.A. RCP deciza fil-5 ta’ Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); “**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`”** (P.A. RCP deciza fl-14 ta’ April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP) u “**Domenic Briffa vs Therese Fenech et”** (P.A. (RCP) deciza 30 ta’ Mejju, 2002 - Cit Nru 1916/00/RCP) u ohrajn.

Illi dwar l-interpretazzjoni tal-**Artikolu 77** u dwar il-kuncett ta’ *“impossibilita’ fizika”* hemm indikata, wiehed jirreferi ghas-sentenza **“Ronald Bray vs Charmaine Bray et”** (N.A. 19 ta’ Novembru 1997) fejn inghad li *“l-impossibilita’ fizika li ghaliha hemm riferenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b’xi mod il-koncepiment tat-tarbija”.* **(“Noelle Spiteri vs Ernest Cilia”).**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li b’kuntratt tal-4 ta’ Awissu 1998 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella, l-konvenut Fortunato Mangion ddikjara mill-ewwel li l-imsemmi minuri ma huwiex ibnu *stante* li huwa legalment separat mill-konvenuta mill-21 ta’ Ottubru 1997 permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Asciak.

Illi jirrizulta li fit-termini msemmija mill-ligi ta’ tliet (300) jum sa mija u tmenin (180) jum qabel it-twelid tal-istess minuri l-istess konvenuta ma kellha ebda relazzjoni mal-konvenut Fortunato Mangion u kienet qed tghix separatament minnu.

Illi dan ovvjament kien jaghti lill-konvenut id-dritt li jippresenta l-azzjoni ta’ denegata paternita’ *ai termini* tal-

**artikolu 70 tal-Kap 16,** izda minflok kien l-attur li qed jaghmel din il-kawza, u l-konvenuta ddikjarat li l-attur huwa l-missier naturali tal-istess minuri naxxenti minn relazzjoni intima li hija kellha mieghu, u riedet ukoll li huwa jigi fdat bil-kura u kustodja tal-istess minuri sakemm hija ddum il-habs fejn kienet meta ghamlet l-istess dikjarazzjoni.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jidher li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha *stante* li jirrizulta li Fortunato Mangion qatt ma seta' jkun il-missier tal-istess minuri tant li l-istess konvenut kellu dritt ta' azzjoni ta' denegata paternita' *ai termini* tal-**artikolu 70 (1) (b) u (d) tal-Kap 16,** u *di piu'* mid-dokumenti esebiti u mid-dikjarazzjoni tal-omm *ai termini* tal-**artikolu 70 (2) tal-Kap 16** jirrizulta li l-attur kien vermanent il-missier naturali tal-istess minuri, u ghalhekk ghandu jigi registrat bhala tali fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri, li jidher li qatt ma kellu l-istat ta' iben legittimu skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 80 tal-Kap 16.**

Illi ghalhekk jidher li l-attur irnexxa li jipprova l-allegazjonijiet tieghu *ai termini* tal-**artikolu 77 tal-Kap 16.**

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku in kwantu l-istess huma

nkompatibbli mat-talba attrici, u fil-kontumacja tal-konvenuti l-ohra, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tordna li fir-Registrazzjoni tat-twelid ta' Marcel Mangion fic-certifikat tat-Twelid Numru 3704/98 fil-kolonna bit-titolu *"Missier it-tarbija"* jitnehhew id-dettalji ta' Fortunato Mangion u partikolaritajiet tieghu u minn flok jigu annotati d-dettalji ta' l-attur Ahmad Mohammad u dawk il-partikolaritajiet ta' l-istess Ahmad Mohammad kull fejn jirrikorru skond kif jirrizulta anke mill-Karta tal-Identita' tal-istess Mohammed Ahmed, u c-certifikat tat-twelid tieghu u dokumenti kollha relattivi, u dan *oltre* korrezzjonijiet, zidiet, sostituzzjonijiet u modifiki ohra li jista' jkun hemm bzonn fic-citat Att tat-Twelid li jindikaw li l-attur huwa effettivament missier l-istess minuri.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-istess attur u l-konvenuta Fatiha Khallouf proprju, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti l-ohra.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Gunju 2002**